**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Novembru, 2018**

**Talba Numru: 323/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista:- 30.**

**GO p.l.c. (C22334)**

**GO, Triq Fra Diegu,**

**Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Rosie Vella (567794M)**

**Josvin, Flat 2,**

**Triq il-Garzella,**

**Mellieha**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu talbet li l-konvenuta tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,290.68c) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40330920; li s-servizzi migbura fil-kont bin-numru 40330920 gew ikkuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd liema socjeta' giet b'effett mid-19 ta' Dicembru, 2015 amalgamata fis-socjeta' GO plc.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€1,290.68c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**